**IT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**<u>Decizjoni Numru 2422</u>**

Kaz Numru 3241/KBC

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn

Daniel Scicluna

u

Inspirations Limited (C41931)

Dwar tkeċċija mix-xogħol allegata li hi nġusta.

Illum il-11 ta’ Diċembru, 2015

It-Tribunal,

Ra r-rikors tal-20 ta’ Mejju, 2014, li permezz tiegħu r-rikorrent allega li l-impieg tiegħu kien terminat għal raġuni mhux ġustifikata.

Ra d-Dikjarazzjoni tal-Kaz tas-Soċjeta’ ntimata li permezz tagħha ġġustifikat it-tkeċċija tar-rikorrent għal raġuni ta’ dixxiplina.

Ra l-lista ta’ xhieda tas-soċjeta’ ntimata.

Sema’ x-xhieda ta’ Stefania Pace, *Human Resources Manager*, li qalet li kienu **qalulha** li klijent tal-istabbiliment Atrium, ġestita mis-soċjeta’ ntimata, kien uża toilet fit-tielet sular u li kien halla l-mobile warajh meta ħareġ. Hu nduna b’dan kif niżel isfel u fil-pront reġa’ tela’ jfittxu fit-toilet li kien uża iżda ma sabux hemm. Hu mbagħad niżel isfel u nforma lis-security guard. Dan informa lid-Duty Manager li mill-ewwel ġibed *footage* tal-*cameras* li kien hemm fl-area tar-*rest room*. Irriżulta li l-uniku persuna li daħal wara li ħareġ il-klijent kien ir-rikorrent. Pace żiedet tgħid li kienu **qalulha** wkoll li wieħed mill-managers kien staqsa lir-rikorrent jekk kienx sab mobile u wieġbu le. Qalet ukoll li kien hemm proċedura li meta xi mpjegat isib oġġett jibgħat email fuq l-indirizz elettroniku tal-grupp li fih hemm inkluż kullħadd biex kulħadd jiġi nfurmat bl-oġġett misjub u jekk xi ħadd iċempel jew jiġi ghall-oġġett, dan ikun għand is-*security*.

Sema’ x-xhieda ta’ Tonio Vella, *Corporate Services Manager*, li xehed li kien ċempillu s-*security officer* u nfurmah bil-każ. Kien ra s-*CCTV* mas-*security officer* u rriżulta li ma kien daħal ħadd fit-*toilet* ħlief ir-rikorrent wara li hareġ il-klijent fil-perijodu ta’ ftit minuti bejn li nsieh u reġa’ mar ifittxu iżda ma sabux. Għalhekk iddeċieda li jibgħat għalih u malli mistoqsi jekk il-mobile ħadux hu wieġeb “Iva qiegħed fil-basket tiegħi” u

tenna jgħid li kien se jieħdu għand il-pulizija. Vittorio Bruno, *Financial Controller*, li kien preżenti f'din il-lqagħa, qal lir-rikorrent biex imorru fimkien iġibuh. Hekk ġara u hu (Bruno) ra li l-mobile kien mitfi u staqsieh għaliex tfieh iżda dan ċaħad li kien tfieh hu. Tonio Vella qallu li jmissu uża l-proċedura li jirrapporta li sab oġġett u jibgħat *email* biex jinforma lill-istaff iżda r-rikorrent wieġeb li qatt ma ġie nfurmat li kellu jagħmel hekk.

Sema' x-xhieda ta' Stefan Micallef, *Security Officer*, li kien irċieva telefonata mingħand Mario Fenech, *Sales Person*, biex jitla' fuq malajr għax kien hemm klijent qed jgħid li nesa' mobile fit-*toilet* u meta reġa' mar għalih ma sabux. Informa bil-kaz lil Tonio Vella u dan qallu biex iġib il-*footage* tal-*cameras* biex jarawh flimkien. Vittorio Bruno sejjah lir-rikorrent u meta mistoqsi minnu jekk kienx sab mobile fit-toilet u ħadu dan "......fil-pront mall-ewwel wieġbu bla tlaqliq ....." li sab mobile fit-toilet izda ma kellu ebda ħsieb li jżommu u kien se jieħdu għand il-pulizija.

Sema x-xhieda ta' Vittorio Bruno li qal li meta Tonio Vella wrieh il-*footage* sejjah lir-rikorrent u staqsieh jekk kienx sab mobile fit-toilet. Dan wieġbu iva u li kien fil-basket tiegħu. Qallu jmur igibu u akkumpanjah sal-uffiċju tiegħu fejn ħargu mill-basket u marru lura fl-uffiċju ta' Tonio Vella. Dan saqsieh għax kien mitfi l-mobile u wieġeb li hu ma kienx tfieh u kien se jieħdu għand il-pulizija.

Sema' x-xhieda tar-rikorrent li qal li kien sab mobile fit-*toilet* u ħadu fl-uffiċju tiegħu bil-ħsieb li aktar tard jieħdu għand il-pulizija. Meta mistoqsi jekk kienx sab mobile wieġeb iva u li kien se jieħdu għand il-pulizija. Qalulu biex imur iġibu u hekk għamel. Insista li ma kienx akkumpanjat minn hadd meta mar iġibu kif intqal f'xi seduta ta' qabel. Ġie mistoqsi jekk tefiex il-*mobile* jew ipprova jiftħu jew ibiddel is-*sim card* u wieġeb li le u li kien se jieħdu għand il-pulizija. Dwar il-proċedura meta mpjegat isib xi oġġett, qal li għalkemm xi drabi kien irċieva *emails* minn impjegati fuq oġġetti li sabu qatt ma ġie nfurmat b'xi proċedura stabbilita u ma kien hemm xejn dwar dan fl-*Employees Handbook* li kien ingħata. Hu ġie mwissi li dan aktarx kien kaz ta' serq li seta' jispiċċa għand il-pulizija. Ġie sospiż u mbagħad infurmat li se jitkeċċa iżda offrewlu li jirriżenja. Hu ma aċċettax għax baqa' jsostni li ma għamel xejn hażin.

Fit-trattazzjoni l-partijiet jaqblu fuq il-fatti bażiċi iżda jagħtu interpretazzjoni kuntrarja.

Is-soċjeta' argumentat li :

- Ir-rikorrent sab oġġett ta' klijent u ma rrappurtax is-sejba;
- Il-*mobile* kien mitfi;
- Ma osservax proċedura li jibghat email fuq l-address tal-grupp biex jinforma mpjegati tas-soċjeta' u jagħti l-oġġett misjub lis-*security* meta kien jaf b'din il-proċedura.
- Saret investigazzjoni serja mill-management qabel ma ttieħdet id-deċizjoni ta' tkeċċija. Din ikkonkludiet li minħabba dan in-nuqqas ir-rikorrent ma setgħax jinżamm fl-impieg billi, bħala *Stock Controller*, kien responsabbli għal affarjiet ta' valur kbir ħafna u l-kumpanija kienet tilfet l-fiduċja fih.

Ir-rikorrent sostna li :

- Ma kellu ebda ħsieb li jżomm il-*mobile* u kien se jieħdu għand il-pulizija;
- Il-*mobile* ma kienx tfieh hu ;
- Meta mistoqsi, mill-ewwel qal li kien sabu u kien se jieħdu għand il-pulizija ;
- Għalkemm kien irċieva xi emails dwar oġġetti li nstabu qatt ma kien infurmat b'xi proċedura stabbilita ;
- Lanqas ma hemm xejn dwar din fl-*Employee Handbook* li kien ingħata ;
- Fil-fatt wara l-kaz is-soċjeta' ħarget struzzjonijiet lill-impjegati x'għandu jsir meta jinstab oġġett u dan juri li ma kien hemm ebda *policy* stabbilita qabel il-każ ;
- Ma ġewx istitwiti l-proċeduri ta' dixxiplina kif stipulati fl-*Employees Handbook* u għalhekk ma kien hemm ebda ġustifikazzjoni għat-tkeċċija tiegħu.

**Ikkunsidra:-**

Illi jkun utli qabel xejn illi jingħad li *"kif inhu sew konoxxut kwestjonijiet koinvolgenti rapport tax-xoghol u materji implikanti nuqqas ta' l-osservanza tad-diligenza fl-ezekuzzjoni tad-doveri da parti ta' l-impjegat jew dik tal-kondotta abusiva jew negattiva tieghu, jippartecipaw minn zewg stadji: il-wiehed extra-gudizzjarju regolat minn proceduri interni ta' dixxiplina u dik tal- kontestazzjoni ta' l-addebitu li bih l-impjegat jigi konfrontat; l-iehor gudizzjarju, ghal kaz fejn, bhala mizura ta' dixxiplina, l-impjegat jisfa mkecci mill-post tax-xoghol".* Ara "Brian Busuttil -vs- ST Microelectronics (Malta) Ltd", 27 ta' Marzu, 2009;

L-*Employee's Handbook* jittratta fid-dettall proċedura ta' dixxiplina li l-kumpanija għandha tieħu fil-konfront ta' kull każ ta' dixxiplina. Fil-fatt f'paġna 16 jingħad li "The Procedure outlined hereunder is to be followed in all cases of discipline." Minn dan jitnissel li l-partijiet huma mistennija li jirrispettaw ir-regoli fis-seħħ bejniethom u jevitaw milli, b'xi mod, b'att unilaterali jfixxklu sensibilment l-ekwilibriju kontrattwali. Dan, wara kollox, kien, indubbjament, l-intendiment tal-prinċipal li rrediġa l-*Employee's Handbook* u li ssoġġetta lill-impjegati tiegħu għar-regoli hemm kontenuti. Ma jistax ħlief isegwi li l-istess regoli jridu jkunu rispettati wkoll mill-prinċipal innifsu, li wara kollox, kif ingħad, kien il-parti li rrediega dan il-*Handbook*.

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, ma jidhirx illi l-poter dixxiplinarju, kif regolat fil-*Handbook de quo*, jista' jitqies li ġie attwat. Jekk din is-sitwazzjoni titħalla tinbidel għall-volontà unilaterali, it-Tribunal ikun komplici li qed jippremja lill-arbitriju u jagħti brevett ta' immunità għal kull inadempjenza tal-kondizzjonijiet li jirregolaw ix-xogħol tal-impjegati. Għal dan it-Tribunal, dan la hu permissibbli li jsir u lanqas ma hu ġustifikat. Huwa ċar li r-regoli proċedurali inseriti fil-*Handbook* qegħdin hemm biex jillimitaw id-diskrezzjoni tal-prinċipal fil-mod kif isseħħ id-dixxiplina tal-impjegat. Din il-limitazzjoni tal-poter, fil-każ in diżamina, ġiet vjolata bl-aġir unilaterali tal-prinċipal li lliċenzja lill-impjegat b'mod sommarju. Mill-provi mismugħa minn dan it-Tribunal ma hemm xejn li jiġġustifika tali aġir tal-prinċipal li aġġira l-makkinarju proċedurali kontemplat fil-*Handbook*. It-Tribunal qies ukoll l-argument tas-soċjetà ntimata li f'każijiet ta' serq impjegat jista' jkun "dismissed instantly" ai termini tal-*Handbook*. Mandakollu t-Tribunal jikkonkludi li "dismissed instantly" hija wżata fil-paragrafu li jinkludi s-sentenza "In the case where an employee is found guilty, he/she can be dismissed

instantly". Allura ma hemm ebda dubju li huwa biss wara s-sejbien ta' ħtija in segwitu għall-proċedura ta' dixxiplina stabbilita li l-impjegat ikun jista' jiġi liċenzjat "instantly".

Fid-dawl tal-premess, dan it-Tribunal ma jħossx li għandu jiddilunga inutilment fuq ir-raġunijiet mogħtija mill-kumpanija biex tiġġustifika l-liċenzjament, u lanqas jekk jeżistix każ ta' serq jew jekk hemm ġustifikazzjoni għall-allegat telfien ta' fiduċja fl-impjegat. Hu l-każ però li jagħmilha ċar li b'dak li ngħad hawn fuq ma għandux ifisser illi r-rikorrenti huwa b'daqshekk eskulpat minn kull ħtija. Ifisser biss li r-rikorrent għandu jitqiegħed fl-istat *ante quo* id-deċiżjoni tal-kumpanija li llicenzjatu u jiġi sottomess għall-proċediment dixxiplinarju previst mill-*Employee's Handbook*. Wara kollox f'każ ta' deċiżjoni avversa għalih hu dejjem jibqgħalu d-dritt ta' reviżjoni minn Tribunal indipendenti.

**Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal jiddeċiedi billi:**

1. **jordna li r-rikorrenti jitqiegħed fl-istat *quo ante* l-liċenzjament tiegħu u għalhekk ikun ingaġġjat mill-ġdid mas-soċjetà intimata b'effett mit-2 ta' Mejju, 2013, u jitqies li minn dakinhar sa llum ma kellu ebda pawża fis-servizz;**
2. **fit-tieni lok jiddikjara lill-kumpanija għandha tħallas lir-rikorrenti dawk l-arretrati ta' pagi u ħlasijiet statutorji li akkumulaw fil-perjodu mid-data tal-liċenzjament sad-data tal-ingaġġ mill-ġdid, u jordna lill-kumpanija ntimata li tħallas tali arretrati ta' pagi f'pagament wieħed, bl-imgħaxijiet mid-data ta' din id-deċiżjoni.**
3. **Fit-tielet lok jiddikjara li r-rikorrent għandu jiffaċċja proċeduri dixxiplinarji abbażi ta' akkuża bil-miktub li l-kumpanija tista' tagħmel fil-konfront tiegħu in konnessjoni mat-teħid tal-mobile, u jibqa' mpreġudikat il-jedd tar-rikorrent għal reviżjoni ta' eventwali deċiżjoni dixxiplinarja minn Tribunal indipendenti.**

Għall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal jiffissa s-somma ta' tlieta u disgħin euro u sbatax -il ċentezmu (€93.17).

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 t-Tribunal jiddikjara li minħabba n-numru tas-seduti u differimenti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

(Iffirmat)
Dr Katrina Borg-Cardona
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**